



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Settembru 2020
(OR. en)

11006/20
PV CONS 20
AGRI 290
PECHE 244

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Agrikoltura u Sajd)
21 ta' Settembru 2020

WERREJ

Pàġna

1.	Adozzjoni tal-aġenda	3
2.	Approvazzjoni tal-punti "A"	3
	a) Lista mhux leġislattiva	
	b) Lista leġislattiva	

Deliberazzjonijiet leġislattivi

3.	Pakkett ta' riforma tal-PAK għal wara l-2020	3
	Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK	

Attivitajiet mhux leġislattivi

4.	Kwistjonijiet agrikoli relatati mal-kummerċ	4
----	---	---

Affarijiet oħra

5.	a) Proposti leġislattivi attwali	4
	i) Pakkett ta' riforma tal-PAK għal wara l-2020	
	ii) Regolament dwar ir-regoli tranżizzjonali tal-PAK	
	b) Tikkettar dwar in-Nutrizzjoni fuq in-naħa ta' quddiem tal-Pakkett	
	c) Projbizzjoni fuq tiġieġ li jbidu fil-gaġeġ	
	d) L-okkorrenza reċenti tad-Deni Afrikan tal-Ħnieżer fiċ-ċingjali fil-Ġermanja	
	e) Is-sitwazzjoni attwali fis-settur tat-trobbija tal-ħnieżer	

ANNESS -	Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill	6
----------	--	---

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 10498/20.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) Lista mhux leġislattiva 10715/20

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 10715/20 inkluż id-dokumenti COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni.

b) Lista leġislattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 10716/20

Suq Intern u Industrija

1. Direttiva dwar l-Azzjonijiet Rappreżentattivi  9592/20 + COR 1
Qbil politiku + ADD 1
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-22.07.2020 CONSOM

Il-Kunsill approva l-qbil politiku dwar it-test tad-Direttiva dwar l-Azzjonijiet Rappreżentattivi kif jinsab fl-Anness għad-dokument 9592/20. Dikjarazzjoni mill-Estonja tinsab fl-Anness.

Deliberazzjonijiet leġislattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. Pakkett ta' riforma tal-PAK għal wara l-2020 10729/20

Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar l-arkitettura ekoloġika, id-dispożizzjonijiet relatati mal-QFP u l-Mudell ta' Implimentazzjoni Ġdid tal-Politika Agrikola Komuni futura, abbażi tad-dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza 10729/20.

Il-Presidenza ħadet nota tal-kummenti tad-delegazzjonijiet u tal-Kummissjoni u ser tkompli tirrifletti dwar kif dawn għandhom jiġu inkorporati fit-test legali bil-ħsieb li jintlaħaq Approċċ Ġenerali f'Ottubru.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

4. Kwistjonijiet agrikoli relatati mal-kummerċ
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni
Skambju ta' fehmiet

10731/1/20 REV 1

Affarijiet oħra

5. a) Proposti leġiżlattivi attwali

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

- i) Pakkett ta' riforma tal-PAK għal wara l-2020:



10813/1/20 REV 1

Dikjarazzjoni Komuni tal-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Latvja, il-Lussemburgu, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja dwar il-ħtieġa li jiġu żviluppati proteini tal-pjanti fl-agrikoltura Ewropea
Informazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża, f'isem id-delegazzjoni Bulgara, Kroata, Ċiprijotta, Ċeka, Franċiża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Lussemburgiża, Pollakka, Rumena, Slovakkja, Slovena u Spanjola

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Franċiża dwar id-Dikjarazzjoni Komuni dwar il-ħtieġa li jiġu żviluppati proteini tal-pjanti fl-agrikoltura Ewropea (10813/1/20 REV 1) u tar-reazzjonijiet tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni.

- ii) Regolament dwar ir-regoli tranżizzjonali tal-PAK:



10916/1/20 REV 1

Allokazzjoni ta' finanzjament tal-POSEI fil-QFP li jmiss
Informazzjoni mid-delegazzjoni Spanjola, appoġġata mid-delegazzjoni Franċiża

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Spanjola u tar-reazzjonijiet tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni.

- | | | |
|----|--|----------|
| b) | Tikkettar dwar in-Nutrizzjoni fuq in-naħa ta' quddiem tal-Pakkett
<i>Informazzjoni mid-delegazzjoni Taljana u dik Ċeka, f'isem id-delegazzjoni Ċiprijotta, Ċeka, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana u dik Rumena</i> | 10846/20 |
| c) | Projbizzjoni fuq tiġieġ li jbidu fil-gaġeġ
<i>Informazzjoni mid-delegazzjoni Ċeka</i> | 10844/20 |
| d) | L-okkorrenza reċenti tad-Deni Afrikan tal-Ħnieżer fiċ-ċingjali fil-Ġermanja
<i>Informazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża</i> | 10825/20 |
| e) | Is-sitwazzjoni attwali fis-settur tat-trobbija tal-ħnieżer
<i>Informazzjoni mid-delegazzjoni Ċeka</i> | 10904/20 |

-
- ❶ L-ewwel qari
- ❷ Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
-

Dikjarazzjoni għall-punt leġiżlattiv "A" li jinsab fid-dokument 10716/20

Dwar il-punt "A" **Direttiva dwar l-Azzjonijiet Rappreżentattivi**
Nru 1: *Qbil politiku*

DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA

"L-Estonja tilqa' l-għan tad-Direttiva dwar l-azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi sabiex jissaħħa il-mekkaniżmu għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi f'suq dejjem aktar globalizzat u diġitalizzat.

Madankollu, l-Estonja jiddispjaċiha li din id-Direttiva speċifika għal settur iddgħajef id-dritt proċedurali ċivili u l-awtonomija tal-Istati Membri billi tintroduċi diversi regoli li huma ta' natura orizzontali u li diġà jeżistu fl-Istati Membri kollha. Dawn ir-regoli huma pereżempju l-prinċipju ta' min jitlef iħallas, *res judicata*, *lis pendens*, ċaħda ta' rikors. Fil-fehma tagħna, l-awtonomija proċedurali hija ta' siwi kbir u għandha tiġi rispettata meta jinħolqu strumenti tad-dritt proċedurali ċivili.

L-Estonja hija wieħed mill-Istati Membri li appoġġaw il-fehma li proċedura tal-Unjoni għandha tkopri sitwazzjonijiet transkonfinali, li tippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu sistemi nazzjonali huma stess. Għadna nemmnu li dan kien ikun l-approċċ it-tajjeb. Ir-regoli tal-Unjoni għandhom jiġu introdotti biss f'sitwazzjonijiet fejn l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jsolvu l-problema waħedhom. Fil-fehma tagħna, il-ħolqien ta' sistema nazzjonali għal azzjonijiet rappreżentattivi mhijiex kwistjoni minn dawn.

Ir-regoli għall-finanzjament tal-entitajiet kwalifikati nazzjonali u l-eżami tiegħu għandhom ikunu kompetenza ta' Stat Membru. Sfortunatament, ir-regoli għall-finanzjament fit-test finali huma ta' natura orizzontali. Għal dan il-għan, konna nippreferu l-Approċċ Ġenerali, li kien jikkonċerna biss il-finanzjament ta' entitajiet kwalifikati transkonfinali.

Ninsabu ferm imħassbin dwar il-fatt li l-formulazzjoni tal-Artikolu 7(1) ma tidistingwix bejn azzjonijiet domestiċi u dawk transkonfinali. Għalhekk, l-Estonja jidhrilha li t-test ma jipprekludix interpretazzjoni li skontha r-regoli nazzjonali ta' Stat Membru tal-forum jistgħu jagħmluha impossibbli għal entità kwalifikata ta' Stat Membru ieħor ifffinanzjata minn parti terza li tibda proċeduri abbażi biss tal-fatt tal-finanzjament minn parti terza mingħajr ma lanqas jiġi vvalutat sa fejn twassal l-influenza tal-finanzjaturi. Dan huwa riżultat li ma nistgħux naqblu miegħu. Tali restrizzjoni mhijiex konformi mal-oġettivi tad-Direttiva u ser tagħmilha diffiċli b'mod mhux raġonevoli u ser tkun ta' piż finanzjarju għall-Istati Membri żgħar biex isibu entitajiet kwalifikati transkonfinali għajr korpi pubbliċi.

L-Estonja hija tal-fehma li d-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' direttiva dwar il-liġi tal-konsumatur permezz ta' 68 strument, inkluż kemm direttivi kif ukoll regolamenti, mhix ċara u hija diffiċli immens biex tiġi applikata fil-prattika. Pereżempju għandna diffikultà biex nifhmu kif tiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni fil-każ ta' direttiva dwar l-armonizzazzjoni minima li għet trasposta fil-liġi nazzjonali fejn ir-regoli nazzjonali jmorru lil hinn minn dawk fid-Direttiva.

Barra minn hekk, ninsabu diżappuntati li ż-żmien għat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva tqassar b'mod sostanzjali meta mqabbel mal-Approċċ Ġenerali. Il-perijodi mhumiex biżżejjed għal Stat Membru żgħir, bħall-Estonja, li m'għandux sistema għal azzjonijiet rappreżentattivi fis-seħħ, biex jistabbilixxi din is-sistema kumplessa.

Konsegwentement, u b'enfasi mill-ġdid fuq l-appoġġ tagħha għall-għan tal-protezzjoni tal-konsumatur, l-Estonja ser tastjeni milli tivvota dwar din id-Direttiva."
